IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.10.2021
COM(2021) 634 final

2021/0328 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar Sena Ewropea taż-Żgħażagħ 2022

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Fil-15 ta' Settembru 2021, il-President von der Leyen ħabbret fid-**diskors tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni** li l-Kummissjoni Ewropea se tipproponi li tagħmel l-2022 is-sena Ewropea taż-Żgħażagħ, *"sena ddedikata għall-valorizzazzjoni taż-żgħażagħ li ssagrfikaw tant għall-oħrajn"*. Filwaqt li enfasizzat il-fiduċja li hija tislet għall-futur tal-Ewropa mill-ispirazzjoni pprovduta miż-żgħażagħ tal-Ewropa, il-President von der Leyen żiedet li "*sabiex insawru l-Unjoni tagħna fis-sura tagħhom, iż-żgħażagħ iridu jkunu jistgħu jsawru l-futur tal-Ewropa."*

Sabiex jirnexxielna nispiraw il-proġett kollettiv tal-Unjoni tagħna bl-azzjonijiet, bil-ħolm, bit-tamiet u bl-għarfien tal-ġenerazzjonijiet il-ġodda, is-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ trid tkun inklużiva b'mod deċiżiv. Fi kliem il-President von der Leyen: "*l-Ewropa għandha bżonn iż-żgħażagħ kollha tagħha*".

Il-pandemija tal-COVID-19 kellha impatt bla preċedent – u mhux uniformi – fuq l-edukazzjoni, fuq l-impjiegi, fuq l-inklużjoni soċjali u fuq is-saħħa mentali taż-żgħażagħ. Il-pandemija u l-miżuri relatati rriżultaw f'interruzzjonijiet fl-edukazzjoni u fit-tranżizzjoni tagħhom fl-impjieg, u ħafna żgħażagħ ħassewhom iżolati, ansjużi u dipressi. It-tfal, l-adolexxenti u l-adulti żgħażagħ ġew affettwati ħafna mit-tfixkil fir-rabtiet familjari u soċjali, u l-kriżi ekonomika kkawżata mil-lockdowns laqtet liż-żgħażagħ Ewropej b'mod partikolari. [1]

Fl-istess ħin, iż-żgħażagħ urew solidarjetà u appoġġ bejn il-ġenerazzjonijiet, filwaqt li ssagrifikaw "*tifkiriet taż-żgħożija*" tassew siewja fil-ħajja ta' kuljum tagħhom. Minkejja dan, iż-żgħażagħ, li huma fost l-aktar gruppi diversi tas-soċjetà Ewropea tagħna, irnexxielhom ukoll juru reżiljenza kbira u kienu involuti fil-mitigazzjoni tal-impatt tal-pandemija.

F'dan id-dawl, **is-sena Ewropea taż-Żgħażagħ 2022** tkun tistimola aktar liż-żgħażagħ tal-Ewropa sabiex joffru kontribuzzjonijiet u għarfien bl-għan li jsawru l-iżvilupp u s-soċjetà tal-Unjoni b'mod ġenerali. Tkun ukoll okkażjoni sabiex titqajjem kuxjenza dwar l-opportunitajiet tal-ġejjieni għaż-żgħażagħ. L-**objettiv ġenerali tas-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ** għandu jkun li tingħata spinta lill-isforzi tal-Unjoni, tal-Istati Membri, tal-awtoritajiet reġjonali u lokali **sabiex jonoraw, jappoġġaw u jinvolvu liż-żgħażagħ f'perspettiva postpandemika**, billi:

(1) jixħtu dawl fuq kif it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali joffru perspettiva mġedda għall-futur u opportunitajiet sabiex jiġi miġġieled l-impatt negattiv tal-pandemija fuq iż-żgħażagħ u fuq is-soċjetà b'mod ġenerali, billi tittieħed ispirazzjoni mill-azzjonijiet, mill-viżjoni u mill-għarfien taż-żgħażagħ sabiex ikomplu jsaħħu u jagħtu ħajja lill-proġett komuni tal-Unjoni Ewropea u sabiex jingħata widen liż-żgħażagħ, filwaqt li jiġi kkunsidrat dak li qed iħassibhom u jingħataw appoġġa fl-iżvilupp ta' opportunitajiet konkreti u inklużivi, filwaqt li jsir użu ottimali mill-istrumenti tal-Unjoni,

(2) iħeġġu liż-żgħażagħ kollha, speċjalment liż-żgħażagħ b'anqas opportunitajiet, minn kuntesti żvantaġġati jew li jappartjenu għal gruppi vulnerabbli, sabiex isiru ċittadini attivi u involuti kif ukoll atturi tal-bidla, ispirati minn sens ta' appartenenza

[1] OECD, 2020. Youth and Covid-19. Response, Recovery and resilience. OECD, 2020. ILO, 2020. Covid and Youth. Impacts on Jobs, Education, Rights and mental Well-being. Eurostat, 2020. Being young in Europe today – health.

Ewropew. Dan jinkludi sforzi addizzjonali fil-bini tal-kapaċitajiet għall-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ u għall-involviment ċiviku fost iż-żgħażagħ u fost il-partijiet ikkonċernati kollha, li jaħdmu sabiex jirrappreżentaw l-interessi tagħhom. Dan jinvolvi l-kontribut taż-żgħażagħ minn kuntesti diversi u li jappartjenu wkoll għal gruppi vulnerabbli fi proċessi ta' konsultazzjoni importanti, bħall-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa,

(3) jippromwovu opportunitajiet għaż-żgħażagħ li jirriżultaw mill-ordni pubbliku fil-livell tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali sabiex jappoġġaw l-iżvilupp personali, soċjali u professjonali tagħhom f'Unjoni aktar ekoloġika, aktar diġitali u aktar inklużiva.

Fis-sens usa' tagħha, is-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ se taħdem id f'id mal-implimentazzjoni b'suċċess ta' **NextGenerationEU**, li jiżgura veloċizzazzjoni tat-tranżizzjoni doppja, jipprovdi l-possibbiltà li b'mod kollettiv noħorġu aktar b'saħħitna mill-pandemija u jerġa' jiftaħ perspettivi mimlijin opportunitajiet għaż-żgħażagħ, li jinkludu impjiegi ta' kwalità u opportunitajiet ta' edukazzjoni u ta' taħriġ għall-Ewropa tal-ġejjieni, u jappoġġa l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fis-soċjetà. Il-Kummissjoni għandha l-għan li ssaħħaħ ir-rwol taż-żgħażagħ fit-tisrif tal-irkupru f'forza motivatriċi għall-benesseri u għall-kuntentizza fil-ħajja orjentati lejn il-futur.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet tal-politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-**Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ** hija l-qafas għall-kooperazzjoni fil-politika tal-UE dwar iż-żgħażagħ għall-2019-2027, ibbażat fuq ir-**Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2018**[2]. Il-kooperazzjoni tal-UE dwar iż-żgħażagħ għandha tagħmel l-aħjar użu mill-potenzjal tal-politika dwar iż-żgħażagħ. Tħeġġeġ il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika, f'konformità mal-Artikolu 165(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Tappoġġa wkoll il-parteċipazzjoni soċjali u ċivika u għandha l-għan li tiżgura li ż-żgħażagħ kollha jkollhom ir-riżorsi neċessarji sabiex jieħdu sehem fis-soċjetà.

L-**Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażagħ**[3], li huma parti integrali mill-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ, ġew żviluppati miż-żgħażagħ għaż-żgħażagħ matul il-proċess ta' djalogu tal-UE maż-Żgħażagħ, u jirrappreżentaw l-oqsma fejn għad trid isseħħ il-bidla, sabiex iż-żgħażagħ jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom.

Fl-istess ħin, is-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ 2022 se tagħti spinta unika lill-ħolqien ta' **Żona Ewropea tal-Edukazzjoni** billi toħloq spazju Ewropew ġenwin ta' apprendiment sal-2025, li fih edukazzjoni u taħriġ inklużivi u ta' kwalità għolja għal kulħadd ma jkunux imxekklin mill-fruntieri. Se tikkontribwixxi għall-**Patt Klimatiku Ewropew**, għall-**Pjan ta' Azzjoni aġġornat dwar l-Edukazzjoni Diġitali** u għall-inizjattiva **HealthyLifestyle4all** . Se tkun appoġġata mill-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fil-qasam tal-impjiegi, tal-ħiliet u tat-tnaqqis tal-faqar. Is-sena Ewropea taż-Żgħażagħ se tenfasizza l-isforzi tal-Unjoni sabiex tespandi l-opportunitajiet ta' impjieg għaż-żgħażagħ fl-irkupru ta' wara l-pandemija permezz **tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ**[4] imsaħħa, u l-varar mill-ġdid tal-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati u tan-Network Ewropew tal-Apprendisti, tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal, tal-implimentazzjoni tal-**Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa**[5]**,** tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar **Appoġġ Attiv Effettiv għall-Impjiegi wara l-**

[2] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ:C:2018:456:FULL
[3] https://europa.eu/youth/strategy/european-youth-goals_mt
[4] https://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=22829&langId=mt
[5] https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1223&langId=mt

kriżi tal-COVID-19[6] **(EASE)**, kif ukoll it-tnedija tal-inizjattiva l-ġdida **ALMA** (Mira, Tagħlima, Ħakma, Kisba). ALMA se tkun skema transfruntiera ta' mobilità għaż-żgħażagħ għal żgħażagħ żvantaġġati ta' bejn it-18 u t-30 sena li ma humiex f'impjieg, f'edukazzjoni jew f'taħriġ.

Għalkemm iż-żgħażagħ huma "nattivi diġitali", b'mod partikolari l-minorenni, huma jistħoqqilhom appoġġ u awtonomizzazzjoni għal ħajja fejn id-distinzjoni bejn online u offline hija dejjem anqas ċara. Fl-2022, **l-Istrateġija aġġornata għal Internet aħjar għat-tfal** se tpoġġi fil-qalba tagħha l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ, il-ħiliet diġitali, l-inklużjoni u l-promozzjoni tal-benesseri tat-tfal.

L-Istrateġija Komprensiva tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Garanzija Ewropea għat-Tfal[7] jistabbilixxu standard ġdid għall-parteċipazzjoni tat-tfal u tal-adoloxxenti peress li ġew żviluppati flimkien mat-tfal.

Ħafna minn dawn l-opportunitajiet huma sostnuti minn investiment sinifikanti tal-UE, b'mod partikolari permezz ta' programmi bħal Erasmus+, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, Ewropa Kreattiva, Orizzont Ewropa, il-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri, il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Programm dwar il-Ġustizzja, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali. Dawn il-programmi ta' finanzjament jagħtu kontribut sinifikanti tal-UE sabiex iż-żgħażagħ ikunu jistgħu jilħqu l-milja personali, soċjali u professjonali tagħhom.

Il-programmi tal-UE ddedikati speċifikament għaż-żgħażagħ se jkollhom rwol ewlieni matul is-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ. Is-sena 2022 se tfakkar għeluq il-35 sena tal-programm Erasmus+ u s-Sena se tkun opportunità kbira sabiex jiġu ċċelebrati l-għaxar miljun żagħżugħ u żagħżugħa li ħadu sehem f'dik l-avventura sa mill-1987, u sabiex tiġi promossa l-ġenerazzjoni l-ġdida ta' dan il-programm fid-dimensjonijiet kollha tiegħu, hekk kif ikopri l-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport. L-2022 se tkun ukoll il-ħames sena tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Id-9 ta' Mejju se tkun data simbolu għall-organizzazzjoni ta' attivitajiet jew ta' avvenimenti madwar dik il-ġurnata.

Jenħtieġ li l-attivitajiet organizzati matul is-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ ikunu rilevanti għall-Istati Membri kollha. Għalhekk, l-Istati Membri huma mistiedna jaħtru koordinatur nazzjonali responsabbli għall-organizzazzjoni tal-parteċipazzjoni tagħhom fis-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ. Il-Kummissjoni għandha torganizza laqgħat tal-koordinaturi nazzjonali sabiex tiġi kkoordinata t-tmexxija tas-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ u sabiex isir skambju tal-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tagħha fil-livell nazzjonali u dak tal-Unjoni.

- **Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

Is-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ 2022 se tkun transsettorjali, filwaqt li tibni fuq il-politiki u l-programmi kollha tal-UE li jaħdmu sabiex itejbu l-ħajja taż-żgħażagħ kollha u jawtonomizzawhom. Jenħtieġ li tibni fuq il-Patt Ekoloġiku Ewropew – l-istrateġija tal-UE għat-tkabbir sostenibbli – u inizjattivi u politiki eżistenti oħrajn bħad-Deċennju Diġitali, is-Suq Uniku Ewropew (li dalwaqt se jiċċelebra t-30 anniversarju tiegħu), il-Bahaus Ewropea l-Ġdida, il-missjonijiet ta' Orizzont Ewropa, il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, l-Istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal, l-Istrateġija għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, il-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza,

[6] https://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=23699&langId=mt

[7] https://ec.europa.eu/info/policies/justice-and-fundamental-rights/rights-child/eu-strategy-rights-child-and-european-child-guarantee_mt

għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni, l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ, il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Ġlieda Kontra r-Razziżmu, l-Istrateġija tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra l-Antisemitiżmu u s-Sostenn tal-Ħajja Lhudija, il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni 2021-2027, l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri, il-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea, il-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer u l-Viżjoni fit-Tul għaż-Żoni Rurali tal-UE. Is-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ għandha rabtiet ma' ħafna oqsma ta' politika tal-Unjoni lil hinn mill-politika dwar iż-żgħażagħ innifisha, bħall-edukazzjoni u t-taħriġ, l-impjiegi, l-inklużjoni soċjali, il-kultura u l-media, l-isport, is-saħħa, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-ambjent u l-klima, it-trasport, in-nondiskriminazzjoni u l-ġlieda kontra r-razziżmu, il-politika ta' koeżjoni u urbana, l-iżvilupp rurali, il-migrazzjoni kif ukoll mal-ħoloq tal-Unjoni mal-viċinat tagħha u mas-sħubijiet internazzjonali tagħha.

Is-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ se tiġi implimentata bl-użu ta' programmi eżistenti tal-UE u ta' mekkaniżmi ta' twassil diġà fis-seħħ u l-ixprunar ipprovdut minn NextGenerationEU. L-investiment rilevanti għaż-żgħażagħ bħalissa huwa eliġibbli għal finanzjament sinifikanti tal-UE taħt diversi programmi u strumenti tal-UE, b'mod partikolari ma' Erasmus+, mal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, ma' Erasmus għal Imprendituri Żgħażagħ, ma' Ewropa Kreattiva, mal-Fond Soċjali Ewropew Plus, mal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, mal-Fond Ewropew Reġjonali u ta' Żvilupp, mal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, mal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura, mal-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri, mal-Ewropa Diġitali u ma' Orizzont Ewropa. Id-dimensjoni esterna ta' dawn il-programmi u l-kondiviżjoni tal-lezzjonijiet siewja tagħha, kif ukoll strumenti esterni ddedikati bħall-NDICI-Ewropa Globali, se jkunu parti integrali mill-involviment taż-żgħażagħ tal-UE mas-sħab internazzjonali tagħna. Il-Pjan ta' Azzjoni għaż-Żgħażagħ li jmiss se jipprovdi fokus ewlieni għad-dimensjoni esterna tas-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ.

Is-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ 2022 se tkun allinjata mal-prijoritajiet tal-Kummissjoni għall-2019-2024.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

F'konformità mal-Artikolu 6(e) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), fil-qasam taż-żgħażagħ, l-Unjoni għandha l-kompetenza li twettaq azzjonijiet sabiex tappoġġa, tikkoordina jew tissupplimenta l-azzjonijiet tal-Istati Membri. L-Artikolu 165(2) tat-TFUE jipprevedi li l-azzjoni tal-Unjoni għandha tkun immirata lejn "*l-inkoraġġiment tal-iżvilupp ta' skambji fost iż-żgħażagħ u skambji ta' edukaturi soċjo-edukattivi u l-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika tal-Ewropa*". Dan l-Artikolu jipprovdi wkoll sabiex iħeġġeġ il-mobbiltà tal-istudenti u d-dimensjoni Ewropea fl-edukazzjoni u fl-isport. Barra minn hekk, l-Artikolu 166(2) tat-TFUE jipprevedi li l-azzjoni tal-Unjoni għandha jkollha l-għan li "*tħaffef l-aċċess għall-formazzjoni vokazzjonali u tinkoraġġixxi l-mobilità tal-edukaturi u ta' min ikun qiegħed jitħarreġ u partikolarment taż-żgħażagħ*" u li "*tiżviluppa skambji ta' informazzjoni u ta' esperjenza fuq kwistjonijiet komuni fis-sistemi ta' taħriġ tal-Istati Membri*".

Il-bażi ġuridika tal-proposta tinqasam fi tnejn:

(1) L-Artikolu 165(4) tat-TFUE, li jiddikjara li, sabiex jikkontribwixxi għall-kisba ta' dawn l-objettivi msemmijin f'dan l-Artikolu, "*il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, u wara li jikkonsultaw mal-Kumitat*

Ekonomiku u Soċjali u mal-Kumitat tar-Reġjuni, għandhom jadottaw inċentivi li ma jinkludux l-armonizzazzjoni tal-liġijiet u tar-regolamenti tal-Istati Membri".

(2) L-Artikolu 166(4) tat-TFUE, li jiddikjara li "Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja u wara li jikkonsultaw il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni, għandhom jadottaw miżuri li jikkontribwixxu għar-realizzazzjoni tal-objettivi msemmija f'dan l-Artikolu, eskluża l-armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti tal-Istati Membri u l-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, għandu jadotta rakkomandazzjonijiet."

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta preżenti hija f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif previst fl-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). L-objettivi tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti b'azzjoni meħuda min-naħa tal-Istati Membri biss. Dan minħabba li l-azzjoni għandha l-għan speċifiku li ssaħħaħ il-vuċi taż-żgħażagħ fil-livell Ewropew sabiex jarrikkixxi l-proġett komuni tal-Unjoni u minħabba li l-azzjoni fil-livell nazzjonali waħedha ma tibbenefikax mid-dimensjoni Ewropea tal-iskambji ta' esperjenza u ta' prattiki tajbin bejn l-Istati Membri. L-Unjoni għandha ssegwi l-objettivi tagħha b'mezzi xierqa, b'mod proporzjonat mal-kompetenzi mogħtijin lilha mit-Trattati. Barra minn hekk, azzjoni mill-Istati Membri tkun tibbenefika mill-għarfien u mill-viżibbiltà maħluqin fl-UE u lil hinn minnha.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta preżenti hija f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif previst fl-Artikolu 5(4) tat-TUE. Il-pjan ta' azzjoni propost huwa sempliċi. Jistrieħ fuq programmi eżistenti u fuq l-iffokar mill-ġdid ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni fuq it-temi tas-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ 2022. Ma jimponi l-ebda restrizzjoni ta' ġestjoni sproporzjonati fuq amministrazzjonijiet li jimplimentaw il-proposta.

L-azzjoni tal-Unjoni tappoġġa u tikkomplementa l-isforzi tal-Istati Membri. L-ewwel nett, din l-azzjoni ttejjeb l-effettività tal-istrumenti tal-Unjoni stess. It-tieni, taġixxi bħala faċilitatur billi tħeġġeġ sinerġiji u kooperazzjoni fost l-Istati Membri, organizzazzjonijiet u fondazzjonijiet, u intraprizi privati u pubbliċi.

L-azzjoni tal-Unjoni ma hijiex se tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jiġu indirizzati l-problemi identifikati.

- **L-għażla tal-istrument**

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill hija l-aktar strument xieraq sabiex ikun żgurat l-involviment sħiħ tal-awtorità leġiżlattiva fil-ħatra tal-2022 bħala s-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux Applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux Applikabbli

- **Il-ġbir u l-użu tal-għarfien espert**

Mhux Applikabbli

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Ma hija meħtieġa l-ebda valutazzjoni tal-impatt, minħabba li l-għanijiet tal-inizjattiva proposta jaqgħu fi ħdan l-objettivi ta' programmi eżistenti tal-Unjoni. Is-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ 2022 tista' tiġi implimentata fi ħdan il-limiti tal-baġit eżistenti billi jintużaw dawk il-programmi li jipprevedu l-istabbiliment ta' prijoritajiet ta' finanzjament fuq bażi annwali jew pluriennali. L-inizjattiva lanqas ma huwa se jkollha xi impatt soċjali, ekonomiku jew ambjentali sinifikanti lil hinn minn dak tal-istrumenti eżistenti.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux Applikabbli

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux Applikabbli

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-flessibbiltà sabiex jiġu stabbiliti prijoritajiet fuq bażi annwali jew pluriennali fil-programmi rilevanti, bħall-programm Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, hija biżżejjed sabiex tipprevedi kampanja ta' sensibilizzazzjoni fuq skala simili għas-Snin Ewropej preċedenti. Tal-anqas EUR 8 miljun se jiġu ddedikati għal tali attivitajiet ta' koordinazzjoni. Il-biċċa l-kbira tal-azzjonijiet se jiġu appoġġati permezz ta' programmi u strumenti tal-Unjoni, b'azzjonijiet li jibbenefikaw direttament liż-żgħażagħ tal-Ewropa.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Jenħtieġ li l-koordinaturi nazzjonali, f'kooperazzjoni mar-rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet jew ta' korpi fil-qasam taż-żgħażagħ, inklużi ż-żgħażagħ infushom, fejn possibbli, jinvolvu b'mod attiv liż-żgħażagħ fit-tħejjija u fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet tas-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ 2022.

Il-proposta tinkludi obbligu għall-Kummissjoni li tirrapporta sal-31 ta' Diċembru 2023 dwar l-implimentazzjoni, ir-riżultati u l-valutazzjoni ġenerali tal-inizjattivi koperti mis-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ.

Wara s-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ, il-Kummissjoni, taħt l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea għaż-Żgħażagħ 2019-2027, se tistinka sabiex iżżomm ħajjin, tippromwovi u tkompli tanalizza u timplimenta l-eżiti u l-legat tas-sena permezz tad-diversi programmi tal-UE dwar iż-żgħażagħ.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux Applikabbli

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

2021/0328 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar Sena Ewropea taż-Żgħażagħ 2022

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 165(4) u 166(4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[8],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[9],

Waqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-Artikolu 165(2) tat-TFUE jiddikjara li l-azzjoni tal-Unjoni għandha tkun immirata, fost l-oħrajn, lejn "l-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika ta' l-Ewropa".

(2) Fil-Pjan Direzzjonali ta' Bratislava tas-16 ta' Settembru 2016[10], is-27 Kap ta' Stat jew Gvern ħadu impenn sabiex "jiġu pprovduti opportunitajiet aħjar għaż-żgħażagħ", b'mod partikolari permezz ta' "appoġġ mill-UE lill-Istati Membri biex jiġġieldu kontra

l-qgħad fost iż-żgħażagħ u dwar programmi tal-UE msaħħa ddedikati liż-żgħażagħ".

(3) Fid-Dikjarazzjoni ta' Ruma tal-25 ta' Marzu 2017[11], il-mexxejja tas-27 Stat Membru u tal-Kunsill Ewropew, tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea impenjaw ruħhom li jaħdmu lejn "Unjoni fejn iż-żgħażagħ jirċievu l-aqwa edukazzjoni u taħriġ u jistgħu jistudjaw u jsibu impjiegi mal-kontinent kollu".

(4) L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażagħ għall-2019-2027 tirrikonoxxi li ż-żgħażagħ jistgħu jibnu l-ħajja li jixtiequ, jikkontribwixxu għal bidla pożittiva fis-soċjetà u jarrikkixxu l-ambizzjonijiet tal-UE, u li l-politika dwar iż-żgħażagħ tista' tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' spazju li fih iż-żgħażagħ jistgħu jaħtfu l-opportunitajiet u jirrelataw mal-valuri Ewropej. Is-Snin Ewropej preċedenti, bħas-Sena Ewropea tal-Ferroviji 2021, is-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali 2018, jew is-Sena

8 ĠU C , , p. .
9 ĠU C , , p. .
10 Id-Dikjarazzjoni u l-Pjan Direzzjonali ta' Bratislava - Consilium (europa.eu)
11 Id-Dikjarazzjoni ta' Ruma (europa.eu)

Ewropea taċ-Ċittadini 2013-2014 joffru esperjenza siewja li jenħtieġ li tinforma l-isforzi futuri sabiex iż-żgħażagħ jiġu involuti fit-tiswir tal-futur tagħhom u tal-futur tal-Ewropa.

(5) NextGenerationEU tiżgura trażmissjoni rapida tat-tranżizzjoni doppja u tipprovdi l-possibbiltà li b'mod kollettiv toħroġ aktar b'saħħitha mill-pandemija u tiftaħ mill-ġdid perspettivi sħaħ ta' opportunitajiet għaż-żgħażagħ, inklużi impjiegi ta' kwalità u adattament għall-bidla soċjali. L-Unjoni għandha l-għan li ż-żgħażagħ ikunu kompletament involuti fil-varar ta' NextGenerationEU, u b'hekk issaħħaħ ir-rwol tagħhom fit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali.

(6) Fil-15 ta' Settembru 2021, il-President von der Leyen ħabbret fid-diskors tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni Ewropea[12] li l-Kummissjoni Ewropea se tipproponi li tagħmel l-2022 is-sena Ewropea taż-Żgħażagħ. Filwaqt li enfasizzat il-fiduċja li hija tislet għall-futur tal-Ewropa mill-ispirazzjoni pprovduta miż-żgħażagħ tal-Ewropa, il-President von der Leyen żiedet li "*sabiex insawru l-Unjoni tagħna fis-sura tagħhom, iż-żgħażagħ iridu jkunu jistgħu jsawru l-futur tal-Ewropa".* L-Ewropa teħtieġ il-viżjoni, l-involviment u l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ kollha sabiex jibnu futur aħjar, u l-Ewropa jeħtieġ li tagħti liż-żgħażagħ opportunitajiet għall-futur, futur li huwa aktar ekoloġiku, aktar diġitali u aktar inklużiv. Din hija r-raġuni għaliex il-President ipproponiet *"sena ddedikata għall-valorizzazzjoni taż-żgħażagħ li ssagrfikaw tant għall-oħrajn".*

(7) Il-parteċipazzjoni attiva taż-żgħażagħ fil-proċessi demokratiċi hija kruċjali għall-futur tal-Ewropa u għas-soċjetajiet demokratiċi tagħha. Għalhekk, f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea[13], is-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ għandha l-għan li tagħti spinta lill-involviment attiv taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika tal-Ewropa, inkluż billi tappoġġa attivitajiet ta' parteċipazzjoni għaż-żgħażagħ minn kuntesti diversi fi proċessi bħall-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, tippromwovi inizjattivi ta' parteċipazzjoni ċivika u ta' volontarjat, u b'hekk tqajjem kuxjenza dwar il-valuri komuni Ewropej u d-drittijiet fundamentali, kif ukoll l-istorja u l-kultura Ewropej, it-tlaqqigħ flimkien taż-żgħażagħ u ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-livelli lokali, nazzjonali u tal-Unjoni u tikkontribwixxi għall-proċess ta' integrazzjoni Ewropea.

(8) Ir-rwol essenzjali taż-żgħażagħ huwa rrikonoxxut ukoll u jrid jiġi appoġġat "sabiex il-kapaċitajiet infiniti tagħhom għall-attiviżmu jiġu indirizzati lejn il-ħolqien ta' dinja aħjar". Is-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ hija kontribut konkret għall-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli ("Aġenda 2030")[14], li tenfasizza li "t-tfal u t-tfajliet u l-ġuvintur huma aġenti kritiċi tal-bidla", u jenħtieġ li tingħata spinta ulterjuri lill-implimentazzjoni ta' dik l-Aġenda, lit-triq lejn l-iżvilupp sostenibbli, u lill-kapaċità taż-żgħażagħ li jsawru l-futur, mhux biss tal-Unjoni, iżda wkoll tal-pajjiżi sħab tal-UE u tal-pjaneta tagħna kollha kemm hi.

(9) Jenħtieġ li s-Sena Ewropea tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fl-azzjoni esterna tal-UE fil-politiki kollha, toħloq opportunitajiet ġodda għall-edukazzjoni u skambji, sħubijiet u djalogu bejn iż-żgħażagħ mill-UE u mill-pajjiżi sħab u għat-tkabbir tar-rwol tal-involviment taż-żgħażagħ fil-komunikazzjoni strateġika u fl-azzjoni ta' diplomazija pubblika

12 soteu_2021_address_mt_0.pdf (europa.eu)
13 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52020DC0790&from=MT
14 21252030 Agenda for Sustainable Development web.pdf (un.org)

(10) L-Għanijiet Ewropej taż-Żgħażagħ, li huma parti integrali mill-Istrateġija tal-UE dwar iż-Żgħażagħ, u li ġew żviluppati miż-żgħażagħ għaż-żgħażagħ taħt il-proċess ta' djalogu tal-UE dwar iż-Żgħażagħ, huma xhieda tal-ħerqa ta' ħafna żgħażagħ Ewropej sabiex jipparteċipaw fid-definizzjoni tad-direzzjoni li jenħtieġ li jaqbad l-iżvilupp tal-Unjoni Ewropea.

(11) Jenħtieġ li s-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ tagħti spinta lill-implimentazzjoni b'suċċess tal-ewwel prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali[15] li jenfasizza li "[kulħadd] għandu d-dritt għal edukazzjoni, taħriġ u tagħlim tul il-ħajja ta' kwalità u inklussivi" u taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, li għandha l-għan li tistimola liż-żgħażagħ fil-milja personali, soċjali u professjonali tagħhom billi toħloq spazju Ewropew ġenwin ta' apprendiment sal-2025 li fih l-edukazzjoni u t-taħriġ inklużivi u ta' kwalità għolja għal kulħadd ma jiġux imxekklin mill-fruntieri.

(12) Jenħtieġ li s-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ tappoġġa l-isforzi tal-Unjoni sabiex tespandi l-opportunitajiet ta' impjieg għaż-żgħażagħ fl-irkupru ta' wara l-pandemija kif iddikjarat fir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-Garanzija għaż-Żgħażagħ (2020/2764(RSP))[16] li tenfasizza li l-miżuri ta' lockdown ikkawżaw tfixkil f'daqqa fl-edukazzjoni formali u informali taż-żgħażagħ, fit-traineeships, fl-internships u fl-apprendistati, kif ukoll fl-impjiegi, li jaffettwa l-introjtu tagħhom, il-potenzjal ta' qligħ u l-benesseri tagħhom, inkluża s-saħħa tagħhom, u b'mod partikolari s-saħħa mentali tagħhom.

(13) Jenħtieġ li s-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ tagħti spinta ulterjuri lill-ħolqien ta' opportunitajiet ta' impjieg taż-żgħażagħ ta' kwalità taħt l-inizjattiva ta' Appoġġ għall-Impjieg taż-Żgħażagħ (IVA), inkluża l-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa[17] u taħt l-inizjattiva ALMA (Mira, Tagħlima, Ħakma, Kisba) li għandha tiġi implimentata taħt il-Fond Soċjali Ewropew +. Jenħtieġ li ALMA tkun skema transfruntiera ta' mobilità taż-żgħażagħ għal persuni żvantaġġati li ma humiex f'impjieg, f'edukazzjoni jew f'taħriġ sabiex jiksbu esperjenza professjonali barra mill-pajjiż akkumpanjata minn servizzi soċjali bl-għan li dawn iż-żgħażagħ, inkużi dawk minn reġjuni rurali, periferiċi jew anqas żviluppati, jiġu pprovduti b'edukazzjoni, b'taħriġ jew b'impjieg ta' kwalità.

(14) Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-impatt tal-COVID-19 fuq iż-żgħażagħ u fuq l-isport (2020/2864(RSP)[18]) tenfasizza l-impatt partikolarment akut li kellha l-pandemija attwali fuq iż-żgħażagħ li ma humiex fl-edukazzjoni, fl-impjieg, jew fit-taħriġ (NEETs) u tenfasizza l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-problemi li jiffaċċjaw iż-żgħażagħ minn gruppi vulnerabbli; tinnota li l-qgħad u l-faqar fost iż-żgħażagħ żdiedu b'mod kostanti minn meta faqqgħet il-pandemija u tħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri neċessarji kollha sabiex jiġġieldu l-effetti diżastruż fuq l-impjieg taż-żgħażagħ. Ir-Riżoluzzjoni tfakkar ir-rwol tal-volontarjat fl-iżvilupp tal-ħiliet tal-ħajja u tax-xogħol għaż-żgħażagħ u tqis li l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jista' jgħin liż-żgħażagħ Ewropej jespandu l-opportunitajiet tagħhom lil hinn mir-realtajiet lokali tagħhom.

---

15 pdf (europa.eu)

16 Testi adottati - It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ - Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020 (europa.eu)

17 pdf (europa.eu)

18 Testi adottati - L-impatt tal-COVID-19 fuq iż-żgħażagħ u fuq l-isport - L-Erbgħa, 10 ta' Frar 2021 (europa.eu)

(15) Jenħtieġ li s-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ tappoġġa l-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 2020 għall-istabbiliment ta' Aġenda Ewropea għall-Ħidma fost iż-Żgħażagħ[19] u tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2019 dwar iż-Żgħażagħ u l-Futur tax-Xogħol[20], tal-10 ta' Diċembru 2019 dwar il-ħidma diġitali fost iż-żgħażagħ[21] u tas-7 ta' Diċembru 2017 dwar il-ħidma intelliġenti fost iż-żgħażagħ[22].

(16) Filwaqt li tirrifletti l-importanza li jiġu indirizzati l-kriżijiet klimatiċi u tan-natura f'konformità mal-impenji tal-Unjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi[23] u sabiex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, jenħtieġ li s-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ tikkontribwixxi għall-integrazzjoni tal-azzjonijiet relatati mal-klima u man-natura u għall-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew[24] b'mod ġust u inklużiv, tal-missjonijiet ta' Orizzont Ewropa u tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %"[25], b'mod partikolari billi tġeġġeġ liż-żgħażagħ ifasslu inizjattivi proprji u ideat kreattivi dwar il-kisba tal-miri rilevanti.

(17) Jenħtieġ li s-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ tagħti spinta ulterjuri lir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar miżuri effikaċi biex Erasmus+, Ewropa Kreattiva u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jsiru aktar "ħodor" (2019/2195(INI))[26] li tenfasizza li Erasmus+, permezz tal-appoġġ tiegħu għal edukazzjoni u għal taħriġ formali u mhux formali u għal attivitajiet ta' parteċipazzjoni taż-żgħażagħ, huwa kruċjali għas-sensibilizzazzjoni fost l-Ewropej, b'mod partikolari l-ġenerazzjonijiet żgħażagħ, sabiex jiġu mħeġġin jieħdu pożizzjoni attiva u informata dwar is-sostenibbiltà u l-politiki rilevanti u sabiex isiru ċittadini futuri involuti u konxji; tenfasizza, f'dan ir-rigward, ir-rwol ewlieni li għandhom iż-żgħażagħ u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u fl-implimentazzjoni ta' proġetti li jżidu l-għarfien tal-ġenerazzjonijiet iżgħar dwar is-sostenibbiltà.

(18) Fid-Diskors tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni Ewropea, il-President von der Leyen enfasizzat li "l-Ewropa għandha bżonn iż-żgħażagħ kollha tagħha". Fl-ilħuq tal-objettivi tagħha, jenħtieġ li s-Sena Ewropea tkun kompletament inklużiva u tippromwovi b'mod attiv il-parteċipazzjoni ta' persuni b'anqas opportunitajiet.

(19) Is-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ hija ankrata bis-sħiħ fil-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta")[27]. B'mod partikolari, fl-azzjonijiet u fl-attivitajiet tagħha, is-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ tfittex li tiżgura rispett sħiħ għad-dritt għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u d-dritt għan-nondiskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, u li tippromwovi l-applikazzjoni tal-Karta. L-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal[28] u l-Garanzija

19 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=uriserv:OJ.C_.2020.415.01.0001.01.MLT
20 pdf (europa.eu)
21 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar il-Ħidma Diġitali Fost iż-Żgħażagħ 2019/C 414/02 - L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE (europa.eu)
22 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħidma intelliġenti fost iż-żgħażagħ (europa.eu)
23 Il-Ftehim ta' Pariġi | Azzjoni Klimatika (europa.eu)
24 Patt Ekoloġiku Ewropew | Il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu)
25 Pjan tal-UE għal tranżizzjoni ekoloġika - Consilium (europa.eu)
26 Testi adottati - Miżuri effikaċi biex Erasmus+, Ewropa Kreattiva u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jsiru aktar "ħodor" - It-Tlieta, 15 ta' Settembru 2020 (europa.eu)
27 text_en.pdf (europa.eu)
28 COM(2021) 142 final

Ewropea għat-Tfal[29] jistabbilixxu standard ġdid għar-rappreżentanza tat-tfal u tal-adoloxxenti u jirrikonoxxu lit-tfal u liż-żgħażagħ bħala ċittadini attivi u aġenti tal-bidla.

(20) Sabiex ikun żgurat li s-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ tiġi implimentata b'mod effiċjenti u effettiv, jenħtieġ li tagħmel użu massimu mill-mekkaniżmi eżekuttivi diġà fis-seħħ. Sabiex jiġi ottimizzat il-valur miżjud tas-Sena Ewropea, jenħtieġ li jitfittxu sinerġiji u komplementarjetà, b'mod partikolari, bejn is-Sena Ewropea u l-programmi tal-Unjoni inklużi dawk b'ħidma internazzjonali biex jintlaħqu n-nies iffokata speċifikament fuq iż-żgħażagħ, dawk mingħajr karattru transnazzjonali jew internazzjonali, b'mod partikolari dawk relatati mal-edukazzjoni u mat-taħriġ, mal-isport, mal-kultura u mal-media, maż-żgħażagħ u mas-solidarjetà, mal-impjiegi volontarji u mal-inklużjoni soċjali, mar-riċerka u mal-innovazzjoni, mal-industrija u mal-intrapriża, mal-politika diġitali, mal-agrikoltura u mal-iżvilupp rurali li jiffokaw fuq bdiewa żgħażagħ, mal-ambjent u mal-klima, mal-politika ta' koeżjoni, mal-migrazzjoni, mas-sigurtà u mal-kooperazzjoni u l-iżvilupp internazzjonali, u mal-attivitajiet imwettqin mill-Istati Membri.

(21) Permezz tal-ħolqien ta' ambjent għall-promozzjoni simultanja ta' dawk l-objettivi fil-livelli tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali u lokali, jistgħu jinkisbu sinerġija akbar u użu aħjar tar-riżorsi. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi informazzjoni f'waqtha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Istati Membri, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-korpi u lill-assoċjazzjonijiet attivi fl-oqsma relatati maż-żgħażagħ fil-livell tal-Unjoni u tikkoopera mill-qrib magħhom. Bl-għan li jiġi żgurat li l-attivitajiet żviluppati għas-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ ikollhom dimensjoni Ewropea, l-Istati Membri huma mħeġġin ukoll jikkollaboraw ma' xulxin.

(22) Jenħtieġ li s-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ tiffoka wkoll fuq azzjonijiet u fuq attivitajiet li jippreżentaw valur miżjud Ewropew potenzjali. Il-kunċett ta' valur miżjud Ewropew għandu jinftiehem b'mod wiesa' u jintwera b'modi differenti, bħal fejn l-azzjonijiet jew l-attivitajiet ikollhom karattru transnazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-kooperazzjoni mmirata lejn il-kisba ta' impatt sistemiku sostenibbli jew jikkontribwixxu għall-identità Ewropea, għas-sensibilizzazzjoni u għat-tħaddin tal-valuri komuni Ewropej u tad-drittijiet fundamentali fost iż-żgħażagħ, u għall-kapaċità tagħhom li jieħdu sehem fid-demokrazija rappreżentattiva u parteċipattiva tal-Unjoni.

(23) Fil-livell tal-Unjoni, l-allokazzjoni finanzjarja neċessarja għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni tiġi identifikata fil-baġit tal-programmi kontribwenti f'konformità mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtorità baġitarja, jenħtieġ li l-għan ikun li tipprovdi finanzjament ta' mill-inqas EUR 8 miljun għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni. Soġġett għad-disponibbiltà ta' finanzjament, il-kofinanzjament mill-baġit tal-Unjoni ta' attivitajiet b'appoġġ għas-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ għandu jkun f'konformità mar-regoli, applikabbli għall-programmi rilevanti, inklużi b'mod partikolari l-Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u, fejn xieraq, programmi oħrajn tal-Unjoni.

(24) Minħabba li l-objettivi ta' din id-Deċiżjoni ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni proposta, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. F'konformità mal-

[29] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 (UE) 2021/1004

prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(25) Fid-dawl tal-impatt tal-COVID 19 fuq iż-żgħażagħ u konsegwentement tal-ħtieġa urġenti għall-objettiv ta' din is-Sena li jiġu onorati, appoġġati u involuti ż-żgħażagħ f'perspettiva postpandemika, huwa xieraq li tiġi prevista eċċezzjoni għall-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

(26) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni rapida tas-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ b'urġenza fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1
Suġġett

Is-sena 2022 se tingħażel bħala "Is-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ 2022" (minn hawn 'il quddiem "Is-Sena Ewropea").

Artikolu 2
Objettivi

F'konformità mal-objettivi tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ 2019-2027 u tal-Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażagħ, l-objettiv ġenerali tas-Sena Ewropea għandu jkun li tingħata spinta lill-isforzi tal-Unjoni, tal-Istati Membri, tal-awtoritajiet reġjonali u lokali sabiex jonoraw, jappoġġaw u jinvolvu liż-żgħażagħ f'perspettiva postpandemika. B'mod partikolari, is-Sena Ewropea għandu jkollha l-għan li:

1. tenfasizza kif it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali joffru perspettiva mġedda għall-futur u opportunitajiet sabiex jiġi miġġieled l-impatt negattiv tal-pandemija fuq iż-żgħażagħ u fuq is-soċjetà b'mod ġenerali, bit-teħid ta' ispirazzjoni mill-azzjonijiet, mill-viżjoni u mill-għarfien taż-żgħażagħ sabiex ikompli jissaħħaħ u tingħata spinta lill-proġett komuni tal-Unjoni Ewropea u sabiex jingħata widen liż-żgħażagħ, filwaqt li jiġi kkunsidrat it-tħassib tagħhom u jiġu appoġġati fl-iżvilupp ta' opportunitajiet konkreti u inklużivi, filwaqt li jsir użu ottimali mill-istrumenti tal-Unjoni,

2. tħeġġeġ liż-żgħażagħ kollha, speċjalment iż-żgħażagħ b'anqas opportunitajiet, minn kuntesti żvantaġġati jew li jappartjenu għal gruppi vulnerabbli, kif ukoll dawk minn reġjuni rurali, periferiċi u anqas żviluppati sabiex isiru ċittadini attivi u involuti kif ukoll atturi tal-bidla, ispirati minn sens Ewropew ta' appartenenza, inklużi sforzi addizzjonali fil-bini tal-kapaċitajiet għall-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ u għall-parteċipazzjoni ċivika fost iż-żgħażagħ u fost il-partijiet ikkonċernati kollha, li jaħdmu sabiex jirrappreżentaw l-interessi tagħhom u tinvolvi l-kontribut taż-żgħażagħ minn kuntesti diversi fi proċessi ta' konsultazzjoni importanti, bħall-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa,

3. tippromwovi opportunitajiet għaż-żgħażagħ li jirriżultaw mill-ordni pubbliku fil-livell tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali sabiex tappoġġa l-iżvilupp personali, soċjali u professjonali tagħhom f'dinja ekoloġika, diġitali u inklużiva.

Artikolu 3
Tip ta' miżuri

1. Il-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex jintlaħqu l-objettivi stipulati fl-Artikolu 2 għandhom jinkludu l-attivitajiet li ġejjin fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali jew lokali u, fejn rilevanti, fil-pajjiżi sħab, marbutin mal-objettivi tas-Sena Ewropea:

   (a) il-konferenzi, l-avvenimenti u l-inizjattivi għall-promozzjoni ta' dibattitu inklużiv u aċċessibbli dwar l-isfidi, inkluż l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19, li ż-żgħażagħ, inklużi dawk b'anqas opportunitajiet u li jappartjenu għal gruppi vulnerabbli, qed jiffaċċjaw u dwar l-azzjoni li jistgħu jieħdu l-partijiet ikkonċernati f'livelli differenti;

   (b) il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ u t-tisħiħ tal-għodod, tal-kanali u tal-programmi eżistenti li jippermettu liż-żgħażagħ jilħqu lil dawk li jfasslu l-politika billi jidentifikaw, jiġbru u jaqsmu l-esperjenzi u l-prattiki tajbin;

   (c) il-ġbir ta' ideat bl-użu ta' metodi parteċipattivi, fi sforz ta' kokreazzjoni tas-Sena Ewropea;

   (d) kampanji ta' informazzjoni, ta' edukazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni sabiex iwasslu valuri bħall-ugwaljanza, is-solidarjetà, il-volontarjat, is-sens ta' appartenenza u ta' sikurezza, is-sensazzjoni li ż-żgħażagħ qed jinstemgħu u jiġu rrispettati, sa biex jiġi stimolat kontribut attiv taż-żgħażagħ għall-bini ta' soċjetà li tkun aktar inklużiva, ekoloġika u diġitali;

   (e) il-ħolqien ta' spazju għal skambju dwar it-tisrif tal-isfidi f'opportunitajiet fi spirtu intraprenditorjali;

   (f) it-twettiq ta' studji u ta' riċerka dwar is-sitwazzjoni taż-żgħażagħ fl-Unjoni, anke billi tiġi prodotta statistika armonizzata Ewropea u billi jintużaw statistiki oħrajn tal-UE, kif ukoll billi jiġu promossi u mxerrda dawn ir-riżultati fil-livell Ewropew, nazzjonali jew reġjonali;

   (g) il-promozzjoni ta' programmi, ta' opportunitajiet ta' finanzjament, ta' proġetti, ta' azzjonijiet u ta' networks ta' rilevanza għaż-żgħażagħ, inkluż permezz tal-media soċjali u tal-komunitajiet online;

2. Il-Kummissjoni tista' tidentifika attivitajiet oħrajn li jistgħu jikkontribwixxu għall-objettivi tas-Sena Ewropea u jippermettu li r-referenzi għas-Sena Ewropea jintużaw fil-promozzjoni ta' dawk l-attivitajiet sakemm dawn jikkontribwixxu għall-ilħuq ta' dawk l-objettivi. L-istituzzjonijiet Ewropej u l-Istati Membri jistgħu jidentifikaw ukoll tali attivitajiet oħrajn u jissuġġeruhom lill-Kummissjoni.

Artikolu 4
Koordinazzjoni fil-livell nazzjonali

L-organizzazzjoni tal-parteċipazzjoni fis-Sena Ewropea fil-livell nazzjonali għandha tkun responsabilità tal-Istati Membri. L-Istati Membri għandhom jaħtru koordinaturi nazzjonali għal dak l-għan. Il-koordinaturi nazzjonali għandhom jiżguraw il-koordinazzjoni ta' attivitajiet rilevanti fil-livell nazzjonali. Għandhom jiżguraw ukoll l-involviment u l-parteċipazzjoni attivi taż-żgħażagħ u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili taż-żgħażagħ fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet tas-Sena.

Artikolu 5
Koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni

1. Il-Kummissjoni għandha torganizza laqgħat tal-koordinaturi nazzjonali sabiex tikkoordina t-tmexxija tas-Sena Ewropea. Dawn il-laqgħat għandhom iservu wkoll bħala opportunitajiet sabiex isir skambju tal-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea fil-livell tal-Unjoni u nazzjonali. Ir-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew jistgħu jipparteċipaw bħala osservaturi u jikkontribwixxu għal dawn il-laqgħat.
2. Il-koordinazzjoni tas-Sena Ewropea fil-livell tal-Unjoni għandu jkollha approċċ trasversali bil-ħsieb li jinħolqu sinerġiji bejn id-diversi programmi u inizjattivi tal-Unjoni ta' rilevanza għaż-żgħażagħ.
3. Il-Kummissjoni għandha torganizza laqgħat tal-partijiet ikkonċernati u tar-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet jew tal-korpi fil-qasam taż-żgħażagħ, sabiex tgħin fil-ħolqien konġunt u fl-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea fil-livell tal-Unjoni.

Artikolu 6
Kooperazzjoni fil-livell internazzjonali

